*Ser nagħtu bidu għal din ir-rubrika fejn fiha ser niġbru dawk l-aħbarijiet li nkunu ltqajna magħhom matul is-sena, u li naraw li jkunu interessanti biżżejjed bħala informazzjoni u/jew storja. Nisperaw li ssibuha interessanti bħalma sibniha aħna. Għalhekk tajniha l-isem ta' ...*

# Frammenti mill-Istorja

## Il-Banda Nicolò Isouard fil-Festa tas-Salvatur f'Ħal Lija fl-1932

Ġie f'idejna wkoll parti minn fuljett antik ppubblikat fl-1932 mill-parro"a ta' Ħal Lija fl-okkażjoni tal-festi ċentinarji fejn insibu li l-Banda Nicolò Isouard, immexxija mis-Surmast Ġanni Vella, ħadet sehem saħansitra fi erba' okkażjonijiet. Dawn kienu:

**nhar it-Tlieta, 2 t'Awwissu:**
bi programm mużikali fuq iz-zuntier
"wara li tkun allegrat it-triqat tar-raħal bil-marċijiet trijonfali tagħha";

**nhar il-Ħamis, 4 t'Awwissu:**
fejn fid-9.00 pm għamlet programm mużikali ieħor;

**nhar il-Ġimgħa, 5 t'Awwissu:**
meta fit-8.00 pm programm mużikali "quddiem il-Każin San Andrea";

**u nhar is-Sibt, 6 t'Awwissu:**
fejn il-Banda Nicolò Isouard tellgħet programm mużikali "quddiem il-Każin San Andrea" wkoll.

pontificali mill' Iskof ta Ghaudex b'assistenza tal uisk Rev. Capitolu tal Chnisia Colleggiata u Matrici ta Birchircara—Benedizioni Sacramentali—(Il musica f'dina il lejla chif ucol l'ghada tcun diretta mil uisk imfahhar Professur Diacono

IS-SIBT—6 ta Auuissu:—
Fil 5.30 a.m. Matutin solonni bil musica.—Fis 6.30 a.m. Kuddiesa letta minn Mons. Vicariu Can. Paolo Galea D.D.J.,C.D. Fid 9 a.m. Kuddiesa Pontificali minn Mons. Iskof ta Ghaudex bl'assistenza tal uisk Rev. Capitolu ta Birchircara.—Panigiricu mil uisk Rev. Cappillan Don Luigi Catania.—Fil 5 p.m. Ghasar solenni mil uisk Rev. Capitolu ta Birchircara—Processioni bli statua tas Salvatur mat triekat principali tar rahal—Benedizioni Sacramentali.

IL HADD—7 ta Auuissu:—Giurnata Sacramentali.
Fil 5.30 a.m. Matutin solenni bil musica.—Fid 9 a.m. Kuddiesa Cantata solenni mil uisk Rev. Capitolu tal Chnisia Colleggiata tal Belt invitta Vittoriosa. — Panigiricu mil uisk Rev. Mons. Paolo Gauci, D.D. — Fil 5 p.m. Ghasar mil listess Rev. Capitolu li dana imbghad b'att ta hajr jicconduci sollennement lil Gesù Ostia mat-triekat principali tar-rahal—Uara jitcanta Te Deum—Gheluk il Festi.

*FESTI TA BARRA.*

Fis-27 ta Luliu:—
Ftuh tan Novena, Marc mat-torok principali tar-rahal mil Banda «Duke of Connaught» ta Birchircara, tluh tal murtali

IL HADD—31 ta Luliu:—
Uara il funzionijet tal Chnisia fuk iz-zuntier jindakk programm mil Banda ta Birchircara «Duke of Connaught uara isir lghob tan-nar u luminazoini parziali

IT-TLIETA—2 ta Auuissu:—
Il programm musicali icun maghmul mil Banda tal Mosta «Niccolò Isoard» fuk iz-zuntier, uara li dina tcun allegrat it-triekat tar-rahal bil marcijet triunfali tahha—Uara icun hemm loghob tan-nar l'actar grazius flimchien mattluh tal murtali, dimostrazioni tat tfal ta Hal Lia.

L'ERBGHA—3 ta Auuissu:—
Fid-9 p. m. Il Banda Filarmonica «Sliema» teseguixxi programm musicali fuk iz-zuntier. F'din il giurnata isir ucoll loghob tan-nar u luminazioni mar-rahal. Uiria ta erbgha carrijet triunfali mat-torok li jirrappresentan: a). Malta Idolatra: b). Malta Convertita; c) Malta fis-Sacrificciu tal Kuddiesa u d). Malta fit-Trasfigurazioni ta Sidna Gesù—In-nar fil granet 31 ta Lulju u 2, 3 u 4 ta Auuissu, icun maghmul mis-sur Carmelo Abela ta Hattard.

IL HAMIS—4 ta Auuissu:—
Fid-9 p.m. Programm mil Banda tal Mosta «Niccolò Isoard»

IL GIMGHA—5 ta Auuissu:—
Fil 10 a.m. Tkassim ta £10 carità.—Fit-8 p.m. Marcijet u Programmi Musicali mil Baned: a). «Annunziata» ta Casal Tarxien, fuk iz-zuntier tal Parroccia; b). »Niccolò Isoard» kuddiem il Casin S. Andrea, c). «Duke of Connaught» fi Sda. Forni.
Ma tul il programm issir il uiria tal opri tal carti li ghall ahiar tlieta jintghatau b'rigal tliet tazzi tal fidda b'memoria tac-Centinariu tat-Trasfigurazioni ta Sidna Gesù uara issir il moschetteriia u loghob tan-nar. F'dina il-lejla issir ispezioni min sinjuri fuk l'armar ta diar privati u l'ahiar li izeinu jehdu rigal li hu il consum elettricu bxejn.

IS-SIBT—6 ta Auuissu:—
Il Banda «Sant'Elena» ta Birchircara u «Duke of Edimburgh» tal belt Vittoriosa uara il march jaghmlu programmi fuk iz-zuntier «Niccolò Isoard» kuddiem il Casin S. Andrea, «Duke of Connaught» fi Strada Forni. Uara isir loghob tan-nar straordinariu mahdum mil bravu Prof. Caffarelli.

IL HADD—7 ta Auuissu:—
Il Banda «Duke of Connaught» taghmel programm ihor f'din lahhar giurnata tas-sublimi commemorazioni u isir ucoll loghob tan-nar straordinariu. F'din il giurnata ta min jassisti ghall dehra tal Processioni Sacramentali magnificata bil presenza tal Cavalieri u persuni nobbli mal Baldacchin chif ucoll fil marcia tal carrijet trionfali li jifthu il Processioni

Bosta opri giodda seijrin jizzanznu f'din l'occasioni Centinaria.

P.S. Fil granet is-Sibt u il Hadd meta jobrog is-Salvatur u is-Sacrament jindakk salut reali solenni chif ucoll fil processionijet Gesu' jigi accompanjat minn daul tas-search lights.

Tip. "HAMMET"
35, Strada Reale - Valletta.
1932.

*Nirringrazzjaw lis-sur Frans Scerri talli ġentilment ġabilna kopja tal-programm imsemmi.*

# Il-Banda Nicolò Isouard fil-Festa Nazzjonali ta' San Pawl fil-Belt fl-1936

**Din** is-sena il-Banda Nicolò Isouard reġgħet ħadet sehem fil-Festa Nazzjonali ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta, wara ħafna snin. Għall-ewwel issemmiet assenza ta' 68 sena, iżda issa ċerti li fl-1936 kienet ħadet sehem il-Banda Nicolò Isouard. Dan jikkonferma li l-assenza hi ta' 67 sena. Infatti mill-fuljett maħruġ mis-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard juri l-Banda kienet daqqet żgur fl-10 ta' Frar 1936, tellgħet programm fi Pjazza Tmienja ta' Settembru (quddiem il-Qorti) mill-4.00 pm 'il quddiem.

Il-programm kien jikkonsisti mill-*marcia sinfonica,* '***Salve Melita Salve***, ta' Giumarra; ***Slavonic Rhapsody*** ta' Friedmann; *fantasia* minn ***Un Ballo in Maschera*** ta' Verdi; '*fantasia* mit-***Turandot*** ta' Puccini, u l-*overture* ***Il Barbiere*** ta' Rossini. Il-programm għalaq bl-Innu tal-Papa, Innu Nicolò Isouard u l-innu *God Save the King*. Il-Banda kienet immexxija mis-Surmast Ġanni Vella.



Il Banda NICOLÒ ISOUARD tal Mosta sejra iddokk dana il Programm fi Piazza Otto Settembre (kuddiem il Korti) għall okkasioni tal Festa ta San Paul, fil 10 ta Frar 1936, mill 4 p.m. il kuddiem

Programma

| | | |
|---|---|---|
| Giumarra | Salve Melita Salve | M. Sinfonica |
| Friedmann | Slavonic Rhapsody | |
| Verdi | Un Ballo in Maschera | Fantasia |
| Puccini | Turandot | Fantasia |
| Rossini | Il Barbiere | Overture |

Innu tal Papa — Innu Nicolò Isouard

God Save the King

G. VELLA,
Surmast Direttur.

G. VELLA
SURMAST DIRETTUR



Il kwalità tat-Tabakk : : :
li fihom is-Sigarretti : : :

GALATA

Iggiaghlek tpejjep.

Kull ħanut ibiegħ minnhom.

Festa Nazzionali

Nawfragiu
ta
San Pawl Appostlu

Valletta
10 ta Frar 1936

*Grazzi lis-sur Charles J. Vella talli ġabilna kopja tal-programm li s-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard kienet ħejjiet għal dik l-okkażjoni. Is-sur Vella, hu benefattur tas-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard u jiġi iben is-Surmast Ġanni Vella li dderieġa l-Banda Nicolò Isouard għal 33 sena sħaħ - bejn l-1922 u l-1955.*

# Ċelebrazzjonijiet fil-75 Anniversarju mill-Fondazzjoni tas-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard fl-1946

Mill-gazzetta '*The Times of Malta*' tat-22 t'Ottubru 1946 insibu li saru ċelebrazzjonijiet kbar fl-okkażjoni tal-75 anniversarju mill-fondazzjoni tas-Soċjetà. Fost il-mistiedna prinċipali li attendew kien hemm is-S.T. Mons Emmanuel Galea - Isqof ta' Tralles, l-E.T. il-Gvernatur F.C.R. Douglas u s-Sinjura Tiegħu, l-Onor. Sir George Borg u l-Maġġur W.L. Bonello. Fost dawk li laqgħuhom kien hemm il-President tas-Soċjetà, it-Tabib Ferdinandu Calleja, u s-Segretarju, is-sur Nikol Muscat.

Fost l-attivitajiet li saru kien hemm il-kxif ta' lapida kommemorattiva mill-E.T. il-Gvernatur, filwaqt li s-S.T. l-Isqof Galea bierek Bandalora ġdida ta' l-okkażjoni (li t-tnejn huma miżmuma tajjeb fil-Każin). L-E.T.il-Gvernatur irrimarka li l-Banda Nicolò Isoaurd kienet propju l-ewwel banda li kien sema' f'Malta meta kien żar ir-Rotunda. Naturalment ġew ippreżentati rigali ta' tifkira lill-mistednin distinti.



*Fir-ritratt naraw (quddiem xellug): il-President tas-Soċjetà Dr. F. Calleja, is-S.T. l-Isqof E. Galea, l-E.T. il-Gvernatur u s-Sinjura F.C.R. Douglas, l-Onor. Sir G. Borg. (Wara): iċ-Ċerimonjier Rev. J. Camilleri, il-Maġġur W.L. Bonello u ċ-Chaplain ta' l-Isqof Rev. J. Desira.*

*Grazzi lis-sur Charles J. Vella li ġabilna kopja tal-rapport mill-gazzetta 'The Times of Malta' tat-22 t'Ottubru 1946.*

Aktar tard il-Banda Nicolò Isouard, li kienet iffurmata b'aktar minn 80 bandist, daqqet marċi brijużi fil-pjazza, fejn ġew ippreżentati bi 8 tazzi bħala tifkira mill-ammiraturi. U fil-għaxija imbagħad tellgħet progrramm b'mużika selettiva li ġie mxandar ukoll fuq ir-*Rediffusion*! Is-Surmast Direttur kien Ġanni Vella, li dderieġa b'mod e"ellenti. Ħa sehem ukoll kor ta' studenti bl-isem ta' '*National Anthems*' u wara kien hemm wirja ta' logħob tan-nar. Ħadu sehem ukoll il-Grupp ta' l-Iskawts tal-Mosta.

## L-Arċisqof Josè Sebastian Laboa



Fl-24 t'Ottubru 2002 miet Mons Arċisqof Josè Sebastian Laboa, li kien Nunzju Appostoliku f'Malta bejn ll-1995 u l-1998. Mons. Laboa twieled f'Pasajes de San Juan, fi Spanja, fl-20 ta' Jannar 1923, u rċieva l-ordinazzjoni saċerdotali fis-16 t'April 1949. Huwa kien attiv ħafna fil-Kongregazzjoni tal-Kult Divin bejn l-1956 u l-1975, u wara fil-Kongregazzjoni għall-Evanġelizzazzjoni tal-Popli sa l-1982.

Fit-18 ta' Diċembru ta' l-1982 ġie maħtur Nunzju Appostoliku fil-Panama. Fl-istess ħatra serva wkoll fil-Paragwaj mill-21 t'Awwissu 1990, f'Malta mit-18 ta' Marzu 1995, u fil-Libja mill-10 ta' Marzu 1997, fejn spiċċa sena wara minn din il-ħatra, malli għalaq 75 sena.



*Mons. Laboa żar is-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard aktar minn darba, fosthom f'Jum Santa Marija ta' l-1995. Hawn naraw lill-Mons. Josè Sebastian Laboa jibdel l-kallotta tiegħu ma' dik li ġiet ippreparata għalih! Jidhru wkoll diversi membri tal-Kumitat ta' dak iż-żmien, fosthom (mix-xellug): is-Segretarju - Saviour Dimech, il-President - Ġużè Cauchi, l-Arċipriet Dun Joe Carabott, id-Delegat Attivitajiet Sportivi - Paul Agius, l-Avukat Leslie Grech, id-Direttur Spiritwali Rev. Dun Karm Mifsud, u s-Sindku Nazzareno Vassallo (illum President tas-Soċjetà).*





Petrel
BY MESSRS CACHIA




*Daily Fresh American Doughnuts*
Many Choices: Chocolate, Icing and Rainbow
**Tel: 21 466177**

*Quality Soft and Hard Nougat:*
Hazelnut, Almonds, Sesame, Colourful Nougat Hearts
**Tel: 21 467434**